IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum it-22 ta' Mejju, 2025

Rikors numru: BCT/05/2025 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Michael Stivala

vs

Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

> *1. Illi permezz ta' deċiżjoni datata 31 ta' Diċembru 2024 l-Awtorita appellata imponiet fuq l-appellant penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (Eur500) peress li sar ksur tal-legislazzjoni sussidjarja 623.08 (Dok. A). L- Awtorita appellata qalet li dan il-ksur kien jikkonsisti f':*
> *"Nuqqas ta' tindif tas-sit, tal-passaġġ pubbliku quddiem is-sit, bankini, toroq u żoni pubbliċi fil-viċinanzi tas-sit"*
> *2. Illi d-data tal-ksur tar-regolamenti skont ma jirriżulta mid-deċiżjoni tal- Awtorita appellata hija s-27 ta' Diċembru 2024 u l-indirizz tas-sit huwa: Sofra Kebab, 2 Charlies' Guesthouse u 77, Xatt l-Imsida u Triq Garcin, Msida.*

3. Illi skont ma jirriżulta mid-deċiżjoni appellata, l-penali amministrattiva inħarġet bis-saħħa tal-Avviż Legali 340 tas-sena 2022 (L.S. 623.08) u ċioe bir- Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni. Fis-sub-regolament (1) tar-regolament numru 9 ta' dawn ir-regolamenti nsibu li "L-Awtorità tista' toħroġ u sservi avviż tal-infurzar fejn ikun hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ewwel u, jew tat-Tieni, u, jew tat-Tielet, u jew tar-Raba' Skedi, u penalitajiet ammistrattivi skont id-Disa' Skeda mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe penali amministrattiva jew ammont li huwa dovut lil Awtorità skont l-Att".

4. L-iskedi msemmija fil-paragrafu precedenti fil-qasir jgħidu hekk:

i. L-Ewwel Skeda, li tolqot ir-regolament 6, titkellem dwar tnaqqis ta' inkonvenjent lill-ġirien.

ii. It-Tieni Skeda, li tolqot ir-regolamenti 6 u 9, titkellem dwar stekkat, xogħolijiet li jestendu jew jaffettwaw il-perimetru ta' madwar is-siti, mogħdijiet koperti u passaġġ sikur quddiem is-sit.

iii. It-Tielet Skeda, li tolqot ir-regolamenti 6 u 9, titkellem dwar tnaqqis ta' tniġġiż.

iv. Ir-Raba Skeda, li tolqot ir-regolamenti 6 u 9, titkellem dwar gwidi tekniċi u preparazzjoni tas-sit.

v. Id-Disa' Skeda magħmula taħt ir-regolament numru 9 titkellem dwar il- minimu u l-massimu tal-penali amministrattiva li tista tinfliġġi, skont il- liġi, l-Awtorita appellata.

5. Illi kif diġa rajna, l-Awtorita appellata fid-deċizjoni tagħha iddikjarat hekk:

"Nuqqas ta' tindif tas-sit, tal-passaġġ pubbliku quddiem is-sit, bankini, toroq u żoni pubblici fil-vicinanzi tas-sit".

6. L-appellant ma huwiex jaqbel ma' l-imsemmija deċiżjoni ta' l-Awtorita appellata fl-intier tagħha u għalhekk qiegħed iressaq dan l-appell mid-deċiżjoni datata 31 ta' Diċembru 2024.

7. Illi fil-vicinanzi tal-proprjeta ta' l-appellant qiegħed isir proġett mill- Infrastructure Malta, ossia l-Proġett ta' l-Imsida u li dan li qiegħed jiġi allegat fil-konfront ta' l-appellant fir-rejalta seħħ minn terzi fuq proprjeta oħra li magħha l-appellant ma għandux x'jaqsam.

8. Illi apparti dan kollu, u mingħajr preġudizzju għal premess, ma hemm l-ebda motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata, imqar fil-qasir, u għalhekk l-appellant ma jafx il-mottiv fattwali u legali li wassal għal tali deċizjoni. Anke jekk mhux wahda elaborata, il-motivazzjoni trid tkun wahda adegwata, ko-erenti u, almenu, sorretta minn iter ta'

hsieb intelligibbli. Ġie ritenut fil-kawza Michael Gatt vs l-Awtorita ta' l-Ippjanar deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fid- 19 ta' Novembru, 2001 (App. Nru. 220/00) illi "il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il- qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir- responsabilita` tal-gudizzju ma jistax jiehu short cut fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jagħmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita , b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja" čitata b'approvazzjoni fil-kawża fl-ismijiet Maria Dolores Grech vs Direttur tas-Sigurta Soċjali nhar it-30 ta' Settembru, 2015 Qorti Appell (Inferjuri) (App. Nru. 14/2013). Žiedet tgħid din l-aħħar Qorti "Id- decizjoni li tat lok ghal dan l-appell taqa' sew fil-kategorija depinta fis- sentenza appena citata. Hi wahda "short cut" minghajr spjegazzjoni cara u ko-erenti tar-ratio decidendi ta' l-Arbitru. Din il-Qorti ma tistax ghalhekk tqisha sufficjenti u razzjonali biex tkun tista' taghmel raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi processwali". L-istess kunsiderazzjonijiet applikabbli għal Arbitru japplikaw ukoll għal Awtorita li l-liġi qed tagħtiha 1- fakolta li tinfliġġi pieni amministrattivi. Li deċiżjoni tkun spejgata, anke fil- qasir, huwa l-minimu rikjest mil-ġustizzja naturali.

9. GĦALDAQSTANT 1-appellant jitlob bir-rispett, li t-Tribunal jogħġbu jirrevoka, jannulla u jħassar id-deċiżjoni appellata u jillibera lill-appellant minn kull piena u ħtija.

Alternattivament u f'każ li t-Tribunal ma jilqax din it-talba tal-appellant, jirriduċi l-ammont.

10. Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita appellata.

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi l-esponenti Awtorita' qiegħda tippreżenta Dok A (Trail of Event), Dok B (Ritratti) u Dak C (vidjo), in sostenn tal-penali maħruġa milistess, fejn tali ser jkunu qegħdin jiġi konfermati mil-uffiċjali fittrattazzjonita' dan l-appell;

3. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Dan l-appell jittratta penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) li ssib il-bażi tagħha f'allegat ksur li seħħ nhar is-27 ta' Diċembru, 2024 ġewwa s-sit li jinstab f' Sofra Kebab, 2 Charlies' Guesthouse and 77, Xatt l-Imsida & Triq Garcin, Msida. Il-ksur li wassal għall-penali amministrattiva *de quo* huwa n-nuqqas ta' tindif tas-sit, tal-passaġġ pubbliku quddiem is-sit, bankini, toroq u żoni pubbliċi fil-viċinanza tas-sit.

In sostenn tal-avviż maħruġ mill-Awtorita' appellata, l-imsemmija awtorita' produċiet ix-xhud Adrian Mercieca li kkonferma żewġ ritratti bħala prova tal-allegat nuqqas ta' tindif, liema ritratti ġew mehmuża mar-risposta promotura u ġew immarkati bħala 'Photo 10' u 'Photo 11'.

It-Tribunal ser jibda biex jikkunsidra sottomissjoni li saret mill-avukat difensur tal-appellant fejn ġie rilevat li d-data indikata fuq iż-żewġ ritratti msemmija ma tirreferix għad-data ndikata fl-avviż tal-penali iżda tirreferi għal data li tiġi qabel, ossia ta' nhar is-26 ta' Diċembru, 2024. Dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhud tal-Awtorita' appellata, Adrian Mercieca.

It-Tribunal iqis li din hija żvista flagranti u l-penali ma tistax tiġi kkonfermat fid-dawl ta' nuqqas hekk fundamentali. It-Tribunal m'għandu ebda prova dokumentarja quddiemu li turi li l-akkadut fil-fatt seħħ nhar is-27 ta' Diċembru, 2024 u li fil-fatt dakinhar tas-27 ta' Diċembru, 2024 kien hemm il-ħmieġ li abbażi tiegħu nħarġet il-multa odjerna.

Għaldaqstant, it-Tribunal mhux ser jidħol fil-mertu tal-kwistjoni u jqis li dan l-appell għandu jiġi milqugħ in vista tan-nuqqas ta' provi li ġew preżentati mill-Awtorita' li juru dak li qed jiġi allegat fl-avviż tal-penali.

Decide

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal qiegħed jilqa' l-appell u qed jirrevoka l-avviż tal-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni ta' nhar il-31 ta' Diċembru, 2024.

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan A. Psaila**
Chairperson	Membru	Membru